VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,890, 16 ta' Marzu, 2012
Taqsima B

A. L. 96 tal-2012

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

Regolamenti tal-2012 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġar ta' Skart (Vetturi fi Tmiem Żmienhom)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 61 u 62 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Ministru għat-Turiżmu, l-Ambjent u l-Kultura, wara konsultazzjoni mal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2012 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġar ta' Skart (Vetturi fi Tmiem Żmienhom), u għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2004 dwar l-Immaniġġar ta' Skart (Vetturi fi Tmiem Żmienhom), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali.".

A.L. 99 tal-2004.

Skop.

2. Dawn ir-regolamenti jdaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2011/37/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda l-Anness II għad-Direttiva 2000/53/EC dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw.

Jissostitwixxi Skeda 4 mar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok l-Iskeda 4 li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

B 802

“SKEDA 4
Il-materjali u l-komponenti eżenti mir-regolament 4

Materjali u Komponenti	**L-ambitu u d-data tal-iskadenza tal-eżenzjoni**	**Li għandu jkollu tikketta jew ikun magħmul identifikabbli skond ir-regolament 4(2)**
Iċ-ċomb bħala element ta’ liga		
1(a). Azzar għall-għanijiet ta’ makkinar u komponenti tal-azzar iggalvanizzat "*batch hot dip*" li fih mhux aktar minn 0.35 % ta’ ċomb bil-piż		
1 (b). Folja ta’ azzar galvanizzat kontinwament li fiha mhux aktar minn 0.35 % ta’ ċomb bil-piż	Vetturi b’approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta’ Lulju 2016 u *spare parts* għal dawn il-vetturi	
2 (a). Aluminju għall-għanijiet ta’ ħdim bil-magni, b’kontenut ta’ ċomb ta’ mhux aktar minn 2 % bil-piż	Bħala *spare parts* għall-vetturi mqiegħda fis-suq qabel l-1 ta’ Lulju 2005	
2 (b). Aluminju b’kontenut ta’ ċomb ta’ mhux aktar minn 1.5 % bil-piż	Bħala *spare parts* għall-vetturi mqiegħda fis-suq qabel l-1 ta’ Lulju 2008	
2 (c). Aluminju b’kontenut ta’ ċomb ta’ mhux aktar minn 0.4 % bil-piż	(2)	
3. Liga tar-ram b’kontenut ta’ ċomb ta’ mhux aktar minn 4 % bil-piż	(2)	
4 (a). Ċilindri ta’ ġewwa u ta’ barra tal-*bearings*	Bħala *spare parts* għall-vetturi mqiegħda fis-suq qabel l-1 ta’ Lulju 2008	
4 (b). Ċilindri ta’ barra u ta’ ġewwa tal-*bearings* fil-magni, trażmissjonijiet u kumpressuri għall-arja kundizzjonata	L-1 ta’ Lulju 2011 u *spare parts* għall-vetturi mqiegħda fis-suq qabel l-1 ta’ Lulju 2011	

VERŻJONI ELETTRONIKA

Iċ-ċomb u l-komposti taċ-ċomb fil-komponenti		
5. Batteriji	(2)	X
6. Mezzi għat-taffija tal-vibrazzjonijiet	Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta' Lulju 2016 u *spare parts* għal dawn il-vetturi	X
Materjali u Komponenti	**L-ambitu u d-data tal-iskadenza tal-eżenzjoni**	**Li għandu jkollu tikketta jew ikun magħmul identifikabbli skond ir-regolament 4(2)**
7 (a). Aġenti għall-ivvulkanizzar u stabilizzaturi għall-elastomeri f'pajpijiet tal-brejkijiet, pajpijiet tal-fjuwil, pajpijiet tal-ventilazzjoni tal-ajru, partijiet tal-elastomeru jew tal-metall fix-xażi, u l-*mountings* tal-magna	Bħala *spare parts* għall-vetturi mqiegħda fis-suq qabel l-1 ta' Lulju 2005	
7 (b). Aġenti għall-ivvulkanizzar u stabilizzaturi għall-elastomeri f'pajpijiet tal-brejkijiet, pajpijiet tal-fjuwil, pajpijiet tal-ventilazzjoni tal-ajru, partijiet tal-elastomeru jew tal-metall fix-xażi, u l-*mountings* tal-magna b'kontenut ta' ċomb ta' mhux aktar minn 0.5 % bil-piż	Bħala *spare parts* għall-vetturi mqiegħda fis-suq qabel l-1 ta' Lulju 2006	
7 (c). Aġenti tal-irbit għall-elastomeri f'applikazzjonijiet tat-trażmissjoni b'kontenut ta' ċomb ta' mhux aktar minn 0.5 % bil-piż	Bħala *spare parts* għall-vetturi mqiegħda fis-suq qabel l-1 ta' Lulju 2009	
8 (a). Iċ-ċomb fl-istann biex jorbot il-komponenti elettriċi u elettroniċi mal-pjanċi taċ-ċirkwiti elettroniċi u ċ-ċomb fil-finituri tat-terminali tal-komponenti apparti mill-kapasiters tal-elettrolit tal-aluminju, fuq il-pinnijiet tal-komponenti u fuq il-pjanċi taċ-ċirkwiti elettroniċi	Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel il-31 ta' Diċembru 2016 u *spare parts* għal dawn il-vetturi	X(1)
8 (b). Iċ-ċomb fl-istann fl-applikazzjonijiet elettriċi apparti mill-	Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1	X(1)

issaldjar fuq il-pjanċi taċ-ċirkwiti elettroniċi jew fuq il-ħġieġ	ta' Jannar 2011 u *spare parts* għal dawn il-vetturi	
8 (c). Iċ-ċomb fil-finituri tat-terminali tal-kapasiters tal-elettrolit tal-aluminju	Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2013 u *spare parts* għal dawn il-vetturi	X[1]
8 (d). Iċ-ċomb użat fl-issaldjar fuq il-ħġieġ fis-*sensors* tal-fluss ta' massa ta' arja	Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2015 u *spare parts* għal dawn il-vetturi	X[1]
8 (e). Iċ-ċomb fi stann tat-tip li jdewweb f'temperaturi għoljin (jiġifieri l-ligi b'bażi ta' ċomb li jkun fihom 85 % ċomb jew aktar bil-piż)	[3]	X[1]
8 (f). Ċomb fis-sistemi ta' konnetturi tal-pinnijiet konformi	[3]	X[1]
Materjali u Komponenti	**L-ambitu u d-data tal-iskadenza tal-eżenzjoni**	**Li għandu jkollu tikketta jew ikun magħmul identifikabbli skond ir-regolament 4(2)**
8 (g). Iċ-ċomb fl-istann li jikkompleta konnessjoni elettrika vijabbli bejn id-damma tas-semikonduttur u *carrier* fi ħdan ċirkwit integrat ta' pakketti *flip chip*	[3]	X[1]
8 (h). Ċomb fl-istann biex jorbot il-*heat spreaders* mar-radjatur tas-sħana (il-*heat sink*) fl-assemblaġġi tas-semikondutturi tal-qawwa (*power semiconductor assemblies*) b'ċippa b'daqs ta' mhux inqas minn 1 cm2 b'erja ta' projezzjoni u densità tal-kurrent nominali tal-inqas 1 A/mm2 tal-erja taċ-ċippa tas-silikon	[3]	X[1]
8 (i). Ċomb fi stann għall-applikazzjonijiet tal-igglejżjar bl-elettriku fuq il-ħġieġ bl-eċċezzjoni tal-issaldjar fl-igglejżjar laminat	Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2013 u *spare parts* għal dawn il-vetturi[4]	X[1]

8 (j). Ċomb fi stann għall-issaldjar fl-igglejżjar laminat	(3)	X(1)
9. *Valve seats*	Bħala *spare parts* għal tipi ta' magni żviluppati qabel l-1 ta' Lulju 2003	
- 10 (a). Komponenti elettriċi u elettroniċi li fihom ċomb fi ħġieg jew ċeramika, f'komposti matriċi tal-ħġieġ jew taċ-ċeramika, f'materjal tal-ħġieg u taċ-ċeramika, jew f'komposti matriċi tal-ħġieġ u taċ-ċeramika.Din l-eżenzjoni ma tkoprix l-użu taċ-ċomb fi: - ħġieġ fil-bozoz u glejż tal-ispark plugs, - materjali dielettriċi taċ-ċeramika ta' komponenti elenkati taħt 10(b), 10(c) u 10(d).		X(5) (għal komponenti għajr il-piezo fil-magni)
10 (b). Iċ-ċomb fil-materjali taċ-ċeramika dielettrika bbażat fuq PZT tal-kapasiters li jiffurmaw parti minn ċirkwiti integrati jew semikondutturi diskreti		
10 (ċ). Ċomb f'materjali taċ-ċeramika dielettrika f'kapasiters b'vultaġġ nominali ta' inqas minn 125 V AC jew 250 V DC	Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2016 u *spare parts* għal dawn il-vetturi	
Materjali u Komponenti	**L-ambitu u d-data tal-iskadenza tal-eżenzjoni**	**Li għandu jkollu tikketta jew ikun magħmul identifikabbli skond ir-regolament 4(2)**
10 (d). Ċomb fil-materjali taċ-ċeramika dielettrika ta' kapasiters li jagħmel tajjeb għad-devjazzjonijiet relatati mat-temperatura tas-*sensors* f'sistemi tas-sonar ultrasoniċi	(3)	
11. Inizjaturi piroteknikiċi	Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta' Lulju 2006 u *spare parts* għal dawn il-vetturi	

12. Materjali termoelettriċi li fihom iċ-ċomb u li jintużaw f'applikazzjonijiet elettriċi awtomotivi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO2 permezz ta' rkupru ta' sħana mill-egżost	Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2019 u *spare parts* għal dawn il-vetturi	X
Il-kromju eżavalenti		
13 (a). Kisi kontra l-korrużjoni	Bħala *spare parts* għall-vetturi mqiegħda fis-suq qabel l-1 ta' Lulju 2007	
13 (b). Kisi preventiv kontra l-korrużjoni marbut mal-immuntar bolt u skorfina għall-applikazzjonijiet tax-xażi	Bħala *spare parts* għall-vetturi mqiegħda fis-suq qabel l-1 ta' Lulju 2008	
14. Bħala prodott kontra l-korrużjoni tas-sistema tat-tkessiħ tal-azzar bil-karbonju fi friġġijiet tal-assorbiment f'karavans motorizzati sal-piż ta' 0.75 % -% fis-soluzzjoni tat-tkessiħ għajr fejn jista jiġi prattikat l-użu ta' teknoloġiji oħra tat-tkessiħ (jiġifieri li jkunu disponibbli fis-suq għall-applikazzjonijiet f'karavans motorizzati) u li ma jwassalx għal impatti negattivi fuq l-ambjent, fuq is-saħħa u, jew fuq is-sigurta` tal-konsumatur.		X
Il-merkurju		
15 (a). Bozoz ta' skariku għall-applikazzjonijiet tal-fanali ta' quddiem	Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta' Lulju 2012 u *spare parts* għal dawn il-vetturi	X
Materjali u Komponenti	**L-ambitu u d-data tal-iskadenza tal-eżenzjoni**	**Li għandu jkollu tikketta jew ikun magħmul identifikabbli skond ir-regolament 4(2)**

VERŻJONI ELETTRONIKA

15 (b). Tubi florexxenti użati fil-pannelli tad-displej tal-istrumenti	Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta' Lulju 2012 u *spare parts* għal dawn il-vetturi	X
Il-kadmju		
16. Batteriji għall-vetturi elettriċi	Bħala *spare parts* għall-vetturi mqiegħda fis-suq qabel il-31 ta' Diċembru 2008	

(1) Iż-żarmar fil-każ li, f'korrelazzjoni mal-entrata 10(a), jinqabeż limitu medju ta' 60 gramma għal kull vettura. Għall-applikazzjoni ta' din il-klawżola, ma għandhomx jitqiesu apparati elettroniċi mhux installati mill-manifattur fuq il-linja tal-produzzjoni.
(2) Din l-eżenzjoni għandha tiġi riveduta fl-2015.
(3) Din l-eżenzjoni għandha tiġi riveduta fl-2014.
(4) Din l-eżenzjoni għandha tiġi riveduta qabel l-1 ta' Jannar 2012.
(5) Iż-żarmar fil-każ li, f'korrelazzjoni mal-entrata 8(a) sa 8(j), jinqabeż limitu medju ta' 60 gramma għal kull vettura. Għall-applikazzjoni ta' din il-klawżola, ma għandhomx jitqiesu apparati elettroniċi mhux installati mill-manifattur fuq il-linja tal-produzzjoni.

Noti:

- Għandu jiġi tollerat valur massimu ta' konċentrazzjoni ta' mhux aktar minn 0.1 % bil-piż u f'materjal omoġenu, għaċ-ċomb, għall-kromju eżavalenti u għall-merkurju u ta' mhux aktar minn 0.01 % bil-piż f'materjal omoġeneu għall-kadmju.

- L-użu mill-ġdid ta' partijiet ta' vetturi li kienu diġà fis-suq fid-data tal-iskadenza tal-eżenzjoni għandu jitħalla mingħajr limitazzjoni billi mhuwiex kopert mir-regolament 4(2).

- *Spare parts* imqiegħda fis-suq wara l-1 ta' Lulju 2003 li jintużaw għal vetturi mqiegħda fis-suq qabel l-1 ta' Lulju 2003 għandhom jiġu eżentati mid-dispożizzjonijiet tar-regolament 4(2)([*]).".

[*] Din il-klawżola ma għandhiex tapplika għall-piżijiet għall-ibbilanċjar tar-roti, għall-*brushes* tal-karbonju għall-muturi elettriċi u għall-kisi tal-brejkijiet.